decujus fi kwota ta' terz (1/3) indiviż kull wieħed minnhom is-suċċessjoni ta' Paul Camilleri, armel ta' Yvonne Camilleri née Falzon, bin il-mejtin Gejtan Camilleri u Salvina Camilleri née Zerafa, imwieled iż-Żurrieq, Malta, kien joqgħod iż-Żurrieq, Malta, u miet l-Imsida, Malta, fit-8 ta' April, 2024, ta' 80 sena, u li kellu karta tal-identità numru 0306344M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 14 ta' Jannar, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Camilleri children of the decujus in the quota of one third (1/3) undivided share each one of them the succession of Paul Camilleri, widower of Yvonne Camilleri née Falzon, son of the late Gejtan Camilleri and Salvina Camilleri née Zerafa, born in Żurrieq, Malta, resided in Żurrieq, Malta, and died in Msida, Malta, on the 8th April, 2024, aged 80, and who held identity card number 0306344M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 14th January, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

92

Ikun jaf kulħadd illi permezz ta' digriet mogħti fis-26 ta' Diċembru, 2025, mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, wara l-atti tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 172/2025 u fl-atti tar-rikors revoka bin-numru 172/2025/1 kollox fl-ismijiet 'Michael Zammit Holdings Limited versus Island Farmhouses Limited et', liema rikors ta' revoka kien ippreżentat fir-Reġistru fil-Qorti msemmija fis-26 ta' Diċembru, 2025, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt hawn taħt riprodott u dan sabiex iservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà Michael Zammit Holdings Limited ta' Villa Zammit, Triq Papa Ġwanni Pawlu II, Ir-Rabat, Għawdex – u dan ai termini tal-artiklu 187(5) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju numru 172/2025 (BS) fl-ismijiet:

Michael Zammit Holdings Limited (C9105)

vs

Island Farmhouses Limited (C25788), John Vella (KI 3468G), Helen Vella (KI 19668G), Kevin Vella (KI 16594G), Ta' Vella Company Limited (C85618), u G.V. Gozo Developments Company Limited (C14221)

Rikors b'urġenza ta' Island Farmhouses Limited ta' 82, Triq l-Indipendenza, Ix-Xewkija, Għawdex, bin-numru ta'

It is hereby notified that by a decree given on the 26th December, 2025, given by the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section, following the acts of the garnishee order having number 172/2025 and in the acts of the application for revocation having number 172/2025/1 all in the names 'Michael Zammit Holdings Limited versus Island Farmhouses Limited et', which application for revocation was filed in the Registry in the said Court on 26th December, 2025, the publication of the extract reproduced below was ordered and this in order to serve as a notification with regard the company Michael Zammit Holdings Limited of Villa Zammit, Triq Papa Ġwanni Pawlu II, Victoria, Gozo – and this in terms of article 187(5) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

In the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section

In the acts of the Precautionary garnishee order number 172/2025 (BS) in the names:

Michael Zammit Holdings Limited (C9105)

vs

Island Farmhouses Limited (C25788), John Vella (ID number 3468G), Helen Vella (ID number 19668G), Kevin Vella (ID number 16594G), Ta' Vella Company Limited (C85618), and GV Gozo Developments Company Limited (C14221)

Urgent Application by Island Farmhouses Limited of 82, Triq l-Indipendenza, Xewkija, Gozo, with registration

reġistrazzjoni C25788, John u Helen konjuġi Vella ta' 'Chateaux Perellos', Triq Santa Dminka, Ir-Rabat, Għawdex, detenturi tal-karta tal-identità numri 3468G u 19668G rispettivament, Kevin Vella ta' 'Kevin', Triq l-Imgħallem, Ir-Rabat, Għawdex, detentur tal-Karta tal-Identità numru 16594G, Ta' Vella Company Limited ta' 'Kevin', Triq l-Imgħallem, Ir-Rabat, Għawdex, bin-numru ta' reġistrazzjoni C85618, u G.V. Gozo Developments Company Limited ta' 82, Triq l-Indipendenza, Ix-Xewkija, Għawdex, bin-numru ta' reġistrazzjoni C14221

Jesponu bir-rispett:

Illi permezz ta' Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju numru 172/2025 (BS) fl-ismijiet Michael Zammit Holdings Limited vs Island Farmhouses Limited et, is-soċjetà sekwestranta talbet u ottjeniet il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru fil-konfront tal-esponenti għall-ammont ta' mitejn u ħamsin elf ewro (€250,000) allegatament konsistenti f'ammont ta' danni diretti u indiretti preventivament kalkolat u reklamati bħala dovuti mill-konvenuti konsistenti f'ripristinar u reintegrazzjoni għall-istat oriġinali tagħha ta' propjetà tas-soċjetà rikorrenti esponenti li ġiet invaża, okkupata u sfruttata b'mod illegali, abbużiv, mingħajr titolu fil-liġi u kontra l-liġi mill-konvenuti skont u b'konformità mal-kawżali u talbiet promossi mis-soċjetà rikorrenti esponenti fir-rikors ġuramentat ippreżentat kontestwalment mal-imsemmi rikors;

Illi jibda biex jingħad li t-talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru m'għandhiex tkun intiża bħala proċedura ta' arm twisting fil-konfront ta' individwi jew soċjetà bil-għan li wieħed jasal għall-iskop tiegħu fuq il-pretest li tpoġġi għarkupptejh lil xi ħadd minħabba f'tali proċeduri. Huwa dak li essenzjalment qiegħda tagħmel is-soċjetà rikorrenti Michael Zammit Holdings Limited f'dawn il-proċeduri, meta ppreżentat il-Mandat ta' Sekwestru odjern prattikament kontra kull persuna u kull soċjetà li għandha konnessjoni mad-diretturi tas-soċjetà li hija l-propjetarja ta' dan il-fond u ċoè Island Farmhouses Limited;

Illi jiġi espost u dikjarat mill-bidu nett illi l-individwi John Vella, Helen Vella u Kevin Vella m'għandhom l-ebda konnessjoni mal-art li hija mertu tal-imsemmija proċeduri u l-uniku konnessjoni indiretta tagħhom hija li huma għandhom jew jimlew pożizzjoni fis-soċjetajiet l-oħra involuti f'dawn il-proċeduri;

Illi huwa prinċipju ġenerali u bażilari li hemm personalità ġuridika separata u distinta bejn is-soċjetà kummerċjali u l-individwi ċoè azzjonisti jew diretturi fi ħdan l-istess kumpanija. Jidher però li dan il-prinċipju ma hux magħruf lil kulħadd u s-soċjetà Michael Zammit Holdings Limited qed tilgħabha li m'għandha l-ebda konoxxenza ta' dan il-prinċipju meta fil-Mandat ta' Sekwestru u konsegwentement fil-proċeduri tinkludi wkoll lill-imsemmija individwi John Vella, Helen Vella u Kevin Vella;

number C25788, John and Helen spouses Vella of 'Chateaux Perellos', Triq Santa Dminka, Victoria, Gozo, holders of identity card numbers 3468G and 19668G respectively, Kevin Vella of 'Kevin', Triq l-Imgħallem, Victoria, Gozo, holder of Identity Card number 16594(G), Ta' Vella Company Limited of 'Kevin', Triq l-Imgħallem, Victoria, Gozo, with registration number C85618, and GV Gozo Developments Company Limited of 82, Triq l-Indipendenza, Xewkija, Gozo, with registration number C14221

Respectfully submit:

Whereas by means of precautionary garnishee order number 172/2025 (BS) in the names Michael Zammit Holdings Limited vs Island Farmhouses Limited et, the garnishee company requested and obtained the issuance of a garnishee order against the applicants for the amount of two hundred and fifty thousand euro (€250,000) allegedly consisting in an amount of direct and indirect damages preventively calculated and claimed as due by the defendants consisting in the restoration and reinstatement to its original state of the property of the applicant company which was invaded, occupied and exploited illegally, abusively, without title at law and against the law by the defendants in accordance with and in compliance with the causes and claims put forward by the applicant company in the sworn application filed in conjunction with the said application;

Whereas it has to be stated at the outset that the request for the issuance of a garnishee order should not be intended as an arm-twisting procedure with regard to individuals or a company with the aim of achieving one's own purpose on the pretext of getting someone to their knees because of such proceedings. This is essentially what the applicant company Michael Zammit Holdings Limited is doing in these proceedings, when it presented the present garnishee order against practically every person and every company that has a connection with the directors of the company that is the owner of this property, namely Island Farmhouses Limited;

Whereas let it be stated and declared from at the very outset that the individuals John Vella, Helen Vella and Kevin Vella have no connection whatsoever with the land which is the subject of the said proceedings and their only indirect connection is that they hold or hold positions in the other societies involved in these proceedings;

Whereas it is a general and basic principle that there is a separate and distinct legal personality between the commercial company and the individuals, namely shareholders or directors within the same company. However, it seems that this principle is not known to everyone, and the company Michael Zammit Holdings Limited is pretending to have no knowledge of this principle when in the garnishee order and consequently in the proceedings it also includes the said individuals John Vella, Helen Vella and Kevin Vella;

Illi apparti hekk, fuq ammissjoni u aċċettazzjoni tal-istess soċjetà rikorrenti Michael Zammit Holdings Limited, u anke minn sempliċi ħarsa u qari tal-kuntratti inkwistjoni, il-propjetarja tal-imsemmija fondi fl-inħawi ta' Ta' Randu limiti ta' Ta' Sannat, Għawdex, hija unikament Island Farmhouses Limited u ħadd mis-sekwestrati l-oħrajn kollha. Minflok, sabiex tagħmel aktar ħsara u tissokta fl-intenzjoni ta' intimidazzjoni u arm twisting tas-soċjetà rikorrenti, hija tagħmel dawn il-proċeduri kontra xejn anqas minn sitt entitajiet u individwi, ħamsa li minnhom m'għandhom xejn x'jaqsmu ma' dan kollu;

Illi l-kuntratt mertu ta' din l-art fil-fatt ġie ppubblikat fil-11 ta' Ġunju 2007 fl-atti tan-Nutar Dott. Enzo Dimech, kopja ta' liema tinsab annessa u mmarkata bħala Dok. A. Kien proprju Michael Angelo Zammit, id-direttur tal-kumpanija sekwestranta (li dakinhar deher għal Tripod Investments Limited) li biegħ lill-istess Island Farmhouses Limited, l-art li hija l-mertu tal-proċeduri inkwistjoni. Dan ikompli juri kemm l-istess Michael Zammit Holdings Limited għandha biss skop wieħed f'moħħha – ċoè dik li tikkawża ħsara;

Illi f'dan is-sens huwa ċar li ai termini tal-Artikolu 836 (1) (d) jew (f) tal-Kap. XII tal-Liġijiet ta' Malta, ma hemm l-ebda raġuni plawsibbli l-għaliex il-Mandat ta' Sekwestru jinżamm aktar fis-seħħ fil-konfront tal-imsemmija John Vella, Helen Vella, u Kevin Vella;

Illi bl-istess mod, is-soċjetajiet Ta' Vella Company Limited u G.V. Gozo Developments Company Limited m'għandhom l-ebda konnessjonijiet mas-sit jew siti inkwistjoni tant li huma ġuridikament u fattwalment distinti minn Island Farmhouses Limited. Illi l-uniku konnessjoni li kellhom jew seta' kellhom l-imsemmija kumpanija, kien unikament inkonnessjoni ma' xogħlijiet li wettqu għal u fl-interess ta' Island Farmhouses Limited, liema xogħlijiet saru dejjem fuq struzzjonijiet ċari mill-istess Island Farmhouses Limited u wkoll f'xi ċirkostanzi (ċoè dawk lamentati minn Michael Zammit Holdings Limited) bi qbil mar-rappreżentant tagħha Michael Angelo Zammit. Dawn ix-xogħlijiet ilhom li saru snin sħaħ u fil-fatt mhux qed isiru xi xogħlijiet mill-istess kumpaniji;

Illi jingħad ukoll illi għal dak li jirrigwarda proċeduri ġudizzjarji, il-kawża Ta' Vella Company Limited vs Michael Angelo Zammit et ġiet deċiża definittivament anke mill-Qorti tal-Appell, fejn ġiet ikkonfermata s-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti bi spejjeż doppji. G.V. Gozo Developments Company Limited ma għandha l-ebda konnessjoni ma' dawn il-proprjetajiet u daqstant anqas kawżi;

Illi għalhekk anke fir-rigward tas-soċjetajiet Ta' Vella Company Limited u G.V. Gozo Developments Company Limited għandhom jiġu applikati l-paragrafi (d) u (f) tas-

Whereas apart from that, upon admission and acceptance of the same applicant company Michael Zammit Holdings Limited, and even from a simple view and reading of the contracts in question, the owner of the said properties in the area of Ta' Randu limits of Ta' Sannat, Gozo, is solely Island Farmhouses Limited and none of the other sequestrators. Instead, in order to do further damage and continue with the intention of intimidation and arm twisting of the appellant company, it is filing these proceedings against no less than six entities and individuals, five of whom have nothing to do with all this;

Whereas the deed merit of this land was in fact published on 11 June 2007 in the records of Notary Dr Enzo Dimech, a copy of which is annexed and marked as Doc. A. It was precisely Michael Angelo Zammit, the director of the sequestered company (who at that time appeared for Tripod Investments Limited) who sold to the same Island Farmhouses Limited, the land which is the merit of the proceedings in question. This further shows how much the same Michael Zammit Holdings Limited has only one purpose in mind – namely that of causing damage;

Whereas in this sense it is clear that in terms of Article 836 (1) (d) or (f) of Cap. XII of the Laws of Malta, there is no plausible reason why the garnishee order should be held in force in relation to the said John Vella, Helen Vella, and Kevin Vella;

Whereas in the same manner, the companies Ta' Vella Company Limited and GV Gozo Developments Company Limited have no connections with the site or sites in question so much so that they are legally and factually distinct from Island Farmhouses Limited. That the only connection that the said company had or could have had, was solely in connection with works that they carried out for and in the interest of Island Farmhouses Limited, which works were always carried out on clear instructions from the same Island Farmhouses Limited and also in some circumstances (namely those complained of by Michael Zammit Holdings Limited) with the agreement of its representative Michael Angelo Zammit. These works have been carried many years ago and in fact no works are being carried out by the same companies;

It is also stated that as far as judicial proceedings are concerned, the case of Ta' Vella Company Limited vs Michael Angelo Zammit et was also definitively decided by the Court of Appeal, where the judgment of this Honourable Court was confirmed with double costs. GV Gozo Developments Company Limited has no connection with these properties and even less so the cases;

Whereas therefore also with regard to the companies Ta' Vella Company Limited and GV Gozo Developments Company Limited, paragraphs (d) and (f) of sub-paragraph

subinċiż (1) tal-Art. 836 tal-Kap. XII tal-Liġijiet ta' Malta u l-istess soċjetajiet jiġu esklużi mill-effetti ta' dan il-Mandat ta' Sekwestru;

Illi jifdal għalhekk is-soċjetà Island Farmhouses Limited li hija l-uniku soċjetà li għandha involviment qua proprjetarja fil-fondi mertu ta' dawn il-proċeduri;

Illi jibda biex jingħad illi l-mertu espost quddiem din l-Onorabbli Qorti permezz tal-kawża li qed jalludi għaliha r-rikorrenti, ġja tinsab pendenti quddiem din l-istess Qorti, kawża fl-ismijiet Michael Angelo Zammit pro et noe et vs John Vella et (Rikors Ġuramentat numru 91/2022 (BS)). It-talbiet f'dik il-kawża jirrigwardaw l-istess art li qed issir referenza għaliha f'dawn il-proċeduri u għalhekk hemm sitwazzjoni ta' duplikazzjoni ta' talbiet;

Illi apparti hekk, l-ammont reklamat u allegatament preventivament ikkalkulat ma jirriżulta mill-ebda parti tal-atti tal-proċeduri odjerni u jekk xejn, is-soċjetà sekwestranta kellha tal-anqas tindika prospett eżawrjenti u dettaljat dwar il-mod kif waslet biex ikkalkulat l-ammont ta' €250,000 allegatament pretiż mill-istess soċjetà Michael Zammit Holdings Limited;

Illi filwaqt li huwa ċar li t-talba għall-Mandat ta' Sekwestru hija totalment inġustifikata u l-istess għandu jiġi revokat in toto, mingħajr preġudizzju, l-ammont reklamat huwa b'mod grossolan eċċessiv u intiż sabiex jagħmel ħsara hekk kif spjegat aktar 'il fuq.

F'dan is-sens għalhekk ukoll fir-rigward tas-soċjetà Island Farmhouses Limited huwa ċar li l-ammont mitlub ma hux prima facie ġustifikat u huwa mingħajr preġudizzju fi kwalunkwe każ eċċessiv;

Illi miżjud ma' dan, il-kontijiet bankarji kollha tas-sitt (6) sekwestrati kollha jinsabu ffriżati fl-ammont ta' €250,000 u dan minkejja li t-talba hija għal dak l-ammont biss u mhux l-ammont ta' €250,000 mingħand kull parti. F'dan is-sens għalhekk, pendenti l-eżitu ta' dan ir-rikors, qed jintalab li din l-Onorabbli Qorti tordna sabiex is-sekwestratarji ma jiddepożitawx l-ammonti fiż-żmien stabbilit mil-liġi;

Illi di più u mhux l-anqas, stante li jirriżulta b'mod mill-aktar ċar li t-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat ta' Sekwestru saret b'malizzja, frivola u vessatorja, għandhom japplikaw il-penali kontemplati fis-subinċiż (8) tal-Art. 836 tal-Kap. XII tal-Liġijiet ta' Malta. Dan miżjud mal-fatt li dan il-Mandat ta' Sekwestru ġie intavolat propju fil-jiem tal-Milied biex ikompli jikkawża aktar ħsara.

Għaldaqstant, fir-rigward tal-Mandat ta' Sekwestru odjern, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

(1) of Art. 836 of Cap. XII of the Laws of Malta shall be applied and the same companies shall be excluded from the effects of this garnishee order;

What remains therefore is the company Island Farmhouses Limited which is the only company that has an involvement as the owner in the properties subject of these proceedings;

Let it be stated at the outset that the merits brought forward before this Honourable Court through the case to which the applicant is alluding, is already pending before this same Court, a lawsuit in the names Michael Angelo Zammit pro et noe et vs John Vella et (Sworn Application number 91/2022 (BS)). The claims in that lawsuit relate to the same land that is being referred to in these proceedings and therefore there is a situation of duplication of claims;

Whereas apart from that, the amount claimed and allegedly preventively calculated does not result from any part of the acts of the present proceedings and if nothing else, the sequestrating company should have at least indicated an exhaustive and detailed statement regarding the way in which it arrived at calculating the amount of €250,000 allegedly claimed by the same company Michael Zammit Holdings Limited;

That while it is clear that the request for the garnishee order is totally unjustified and the same should be revoked in toto, without prejudice, the amount claimed is grossly excessive and intended to cause harm as explained above.

In this regard, therefore, also with regard to the company Island Farmhouses Limited, it is clear that the amount claimed is not prima facie justified and is without prejudice in any case excessive;

Added to this, all the bank accounts of all six (6) garnisheed parties are frozen in the amount of €250,000 and this despite the fact that the request is for that amount only and not the amount of €250,000 from each party. In this sense, therefore, pending the outcome of this application, it is requested that this Honourable Court order that the garnisheed parties not deposit the amounts within the time established by law;

Whereas moreover and not least, since it is very clear that the request for the issuance of this garnishee order was made with malice, frivolity and vexatiousness, the penalties contemplated in sub-article (8) of article 836 of Cap. XII of the Laws of Malta shall apply. This, added to the fact that this garnishee order was filed precisely during the Christmas period to continue causing further damage.

Therefore, with regard to today's garnishee order, the applicants humbly request this Honourable Court to:

1. Tittratta dan ir-rikors b'urġenza;

2. Tordna lis-sekwestratarji sabiex ma jiddepożitaw l-ebda ammonti qabel l-eżitu ta' dan ir-rikors;

3. Ai termini tal-Art. 836 (1) (d) u (f) tordna r-revoka totali jew parzjali skont il-każ, tal-istess Mandat ta' Sekwestru;

4. Tapplika l-penali kontemplati fl-Art. 836 (8) tal-Kap. XII tal-Liġijiet ta' Malta għar-raġuni kontemplata fil-paragrafu (d),

u dan taħt kwalunkwe provvediment li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.

Stante li dan il-Mandat ta' Sekwestru ġie intavolat kontra tliet (3) soċjetajiet kummerċjali u anke tliet (3) individwi li partikolarment ħamsa (5) mill-partijiet ma għandhom l-ebda involviment, qed jiġi mitlub li dan ir-rikors jiġi mismugħ b'urġenza stante li qiegħed jaffettwa lill-istess esponenti u l-familjari tagħhom. Apparti hekk, is-soċjetajiet kollha għandhom numru mhux każin ta' ħaddiema impjegati magħhom li jitħallsu fl-aħħar tax-xahar, u għalhekk f'dawn il-ġranet. Dan kollu se jkun ifisser li tali ħaddiema mhux se jkunu qed jipprerċepixxu l-pagi tagħhom b'effett ta' dan kollu.

Av. Joshua Grec, 94, Triq San Girgor, Ta' Kerċem, Għawdex

Av. Corinne Vella, 134, Triq Żekka, Il-Belt Valletta, Malta

Notifika: Av. Pio Valletta, il-Qorti, Malta

Id-digriet

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju numru 172/2025 (BS) u fl-atti tar-rikors revoka bin-numru 172/2025/1 fl-ismijiet:

Michael Zammit Holdings Limited (C9105)

vs

Island Farmhouses Limited et

Illum 26 ta' Diċembru, 2025

Il-Qorti,

Tordna notifika lill-kontroparti b'sebat ijiem għar-risposta.

1. Treat this application with urgency;

2. Order the sequestrators not to deposit any amounts prior to the outcome of this application;

3. In terms of article 836 (1) (d) and (f) order the total or partial revocation, as the case may be, of the same garnishee order;

4. The penalties contemplated in article 836 (8) of Cap. XII of the Laws of Malta shall apply for the reason contemplated in paragraph (d),

and this under any terms that this Honourable Court deems appropriate and opportune.

Given that this garnishee order has been filed against three (3) commercial societies and even three (3) individuals who in particular five (5) of the parties have no involvement, it is being requested that this application be heard with urgency given that it is affecting the same applicants and their families. In addition, all societies have a considerable number of workers employed by them who are paid at the end of the month, and therefore in these days. All this will mean that such workers will not be receiving their wages as a result of all this.

Adv. Joshua Grec, 94, Triq San Girgor, Ta' Kerċem, Gozo

Adv. Corinne Vella, 134, Triq Żekka, Valletta, Malta

Notification: Attorney Pio Valletta, the Court, Malta

The decree

In the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section

In the acts of the Precautionary garnishee order number. 172/2025 (BS) and in the acts of the application for revocation having number 172/2025/1 in the names:

Michael Zammit Holdings Limited (C9105)

vs

Island Farmhouses Limited et

Today 26th December, 2025

The Court,

Orders service on the other party with seven days for reply.

(iffirmat) Dott. Brigitte Sultana, Maġistrat

(iffirmat) Jenna Mizzi, Deputat Reġistratur

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Illum 13 ta' Jannar, 2026

JENNA MIZZI
Deputat Reġistratur, għar-Reġistratur Qrati u Tribunali (Għawdex)

(signed) Dr Brigitte Sultana, Magistrate

(signed) Jenna Mizzi, Deputy Registrar

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

Today 13th January, 2026

JENNA MIZZI
Deputy Registrar, for the Registrar, Courts and Tribunals (Gozo)

93

Ikun jaf kulħadd illi permezz ta' digriet mogħti fl-4 ta' Novembru, 2025, mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Sede Inferjuri, fl-atti tal-ittra uffiċċjali numru 645/2025 fl-ismijiet 'Elmo Insurance Limited (C3500) kontra Nicole Stivala', ippreżentata fir-Reġistru fil-Qorti ta' Għawdex fit-12 ta' Settembru, 2025, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt hawn taħt riprodott u dan sabiex iservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Nicole Stivala (karta tal-identità numru 0215478M) bl-indirizz 6, 'Dar il-Bebbux', Triq tal-Masri, Ix-Xagħra, Għawdex – u dan ai termini tal-artiklu 187(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Sede Inferjuri

Ittra Uffiċjali numru 645/2025

Lil Nicole Stivala (KI 0215478M), 6, 'Dar il-Bebbux', Triq tal-Masri, Ix-Xagħra, Għawdex

Bil-preżenti Elmo Insurance Limited (C3500) ta' Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex, tagħmel referenza għall-inċident awtomobilistiku illi seħħ fit-23 ta' Settembru, 2024, fix-Xatt tal-Imġarr, Għawdex, meta waqt li inti Nicole Stivala kont qiegħda ssuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni HRH 999, appartjenenti lilek, ħbatt mal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni KQZ 771, appartjenenti lil terzi.

Għal kull fini u effett tal-liġi, is-soċjetà mittenti tirrileva li, in vista tal-fatt li inti Nicole Stivala ma kellekx liċenzja tas-sewqan valida meta seħħ l-inċident awtomobilistiku de quo, liema liċenzja tas-sewqan kienet ġiet revokata fis-sena 2020, u baqgħet hekk revokata, inti ksirt il-kundizzjonijiet tal-polza tal-assikurazzjoni u l-obbligi tiegħek skont l-istess polza u għalhekk inti preklużż milli tinvoka l-imsemmija polza sabiex tkopri kull dritt jew obbligu naxxenti mill-istess inċident.

Is-soċjetà mittenti tgħarrfek ukoll illi t-terz u l-assikurazzjoni tiegħu (debitament surrogata minnu) ippreżentaw ittra uffiċjali fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta), fid-29 ta' Awwissu, 2025, kontra s-soċjetà mittenti, fl-ismijiet 'GasanMamo Insurance Limited vs Elmo Insurance

It is hereby notified that by a decree issued on the 4th November, 2025, by the Court of Magistrates (Gozo), Inferior Jurisdiction, in the acts of judicial letter number 645/2025 in the names 'Elmo Insurance Limited (C3500) against Nicole Stivala', filed in the Registry of the Court of Gozo on the 12th September, 2025, the publication of the extract reproduced below was ordered and this in order to serve as notification against the respondent Nicole Stivala (identity card number 0215478M) with address at 6, 'Dar il-Bebbux', Triq tal-Masri, Ix-Xagħra, Gozo – and this in terms of article 187(3) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

Court of Magistrates (Gozo) Inferior Jurisdiction

Judicial Letter number 645/2025

To Nicole Stivala (ID0215478M), 6, 'Dar il-Bebbux', Triq Masri, Xagħra, Gozo

By this present, Elmo Insurance Limited (C3500) of Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex, makes reference to the motor vehicle accident that occurred on the 23rd September, 2024, at Mġarr Quay, Gozo, when while you Nicole Stivala were driving the vehicle with registration number HRH 999, belonging to you, you collided with the vehicle with registration number KQZ 771, belonging to a third party.

For all intents and purposes of the law, the sending company points out that, in view of the fact that you Nicole Stivala did not have a valid driving licence when the motor vehicle accident in question occurred , which driving licence had been revoked in the year 2020, and remained so revoked, you have violated the conditions of the insurance policy and your obligations under the same policy and therefore you are precluded from invoking the said policy to cover any right or obligation arising from the same accident.

The sending company also informs you that the third party and his insurance (duly subrogated by him) filed an official letter in the Court of Magistrates (Malta), on 29th August 2025, against the sending company, in the names 'GasanMamo Insurance Limited vs Elmo Insurance

Limited', fejn qegħdin iżommuk responsabbli għall-imsemmi inċident u qegħdin jitolbu l-kundanna tas-soċjetà mittenti għall-ħlas tad-danni li ġarrbu bħala konsegwenza tal-istess inċident ammontanti għal seba' mija u żewġ ewro tnejn u sebgħin ċenteżmu (€702.72).

Dan premess, is-soċjetà mittenti tavżak minn issa li jekk it-terz li ġarrab id-danni fl-imsemmi inċident awtomobilistiku jistitwixxi proċeduuri ġudizzjarji kontrik u javżaw lis-soċjetà mittenti hekk kif jipprovdi l-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta li ġew istitwiti tali proċeduri, jew jistitwixxu proċeduri ġudizzjarji direttament kontra s-soċjetà mittenti, li għandu l-effett li tkun obbligata skont il-liġi li tħallas lir-rikorrenti d-danni, l-imgħax, l-ispejjeż ġudizzjarji u l-VAT skont sentenza li tkun deċiża kontrik, liema sentenza tkun għaddiet in ġudikat, allura hija se tesiġi rifużjoni sħiħa mingħandek ta' kull ma tkun ħallset f'danni, imgħax, spejjeż ġudizzjarji u VAT.

Daqstant sabiex tagħraf tidderieġi ruħek.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali.

(iffirmata) l-Avukat Alessia Zammit McKeon
(iffirmata) PL Luisa Tufigno

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Illum 14 ta' Jannar, 2026

MARY JANE ATTARD
Deputat Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

Limited', where they are holding you responsible for the said accident and are requesting the condemnation of the sending company for the payment of the damages they suffered as a consequence of the same accident amounting to seven hundred and two euro and seventy-two cents (€702.72).

This being said, the sending company hereby informs you that if the third party who suffered damages in the said motor vehicle accident institute legal proceedings against you and notify the sending company as provided for in Cap. 104 of the Laws of Malta that such proceedings have been instituted, or institute legal proceedings directly against the sending company, which has the effect of being obliged by law to pay the claimant damages, interest, legal costs and VAT in accordance with a judgment that is decided against you, which judgment has become final, then it will demand a full refund from you of everything it has paid in damages, interest, legal costs and VAT.

So much for knowing how to direct yourself.

With legal costs and interest.

(signed) Lawyer Alessia Zammit McKeon
(signed) PL Luisa Tufigno

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

Today 14 January, 2026

MARY JANE ATTARD
Deputy Registrar, for the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

94

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-11 ta' Diċembru, 2025, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 657/25FDP, fl-ismijiet: Bank of Valletta plc vs Riccardo Franco Schembri et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Bank of Valletta plc (C2833) vs Riccardo Franco Schembri (568282M) et ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-26 ta' Ġunju, 2025, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li seħħew waħda jew iktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi, partikolarment imma mhux esklussivament, billi Ricardo Franco Schembri u Karen Schembri née Agius (a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Riccardo Franco Schembri u Karen

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 11th December, 2025, in the records of the Sworn application number 657/25FDP, in the names: Bank of Valletta plc vs Riccardo Franco Schembri et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Bank of Valletta plc (C2833) vs Riccardo Franco Schembri (568282M) et filed in the Civil Court, First Hall, on the 26th June, 2025, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Declare and decide that there occurred one or more of the events mentioned in the contract above mentioned, particularly but not exclusively, as Ricardo Franco Schembri and Karen Schembri née Agius (a) failed to pay the payments due to the interpellant company as stipulated in the said contract, (b) were in default of other obligations assumed by them in the same contract above mentioned, and/or, (c) there are material changes in the circumstances

Schembri née Agius li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibbiltà tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi;

2. Tikkundanna lil Riccardo Franco Schembri u Karen Schembri née Agius iħallsu flimkien u in solidum bejniethom lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tnejn u disgħin elf, mitejn u tmintax-il ewro u sitta u disgħin ċenteżmu (€92,218.96) bilanċ għad-debitu fil-'Home Loan Account' ta' Riccardo Franco Schembri u Karen Schembri née Agius, flimkien mal-imgħaxijiet ulterjuri mill-11 ta' Ġunju, 2025, sal-jum tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 657/25FDP fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għal-14 ta' Jannar, 2026, fid-9.30 a.m.

Notifika Intimat: Riccardo Franco Schembri (568282M), Chez L'Amour, Triq il-Labour, Iż-Żejtun

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 7 ta' Jannar, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

of the same Riccardo Franco Schembri and Karen Schembri née Agius which endanger or adversely affect the possibility of the same repayment of the said debt due to the plaintiff company;

2. Condemn Riccardo Franco Schembri and Karen Schembri née Agius to pay together and in solidum between them to the plaintiff company the sum of ninety two thousand, two hundred and eighteen euro and ninety six cents (€92,218.96) balance of debt in the 'Home Loan Account' of Riccardo Franco Schembri and Karen Schembri née Agius, together with further interest from the 11th June, 2025, till the date of effective payment;

With costs against the defendants, who are from now summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn application number 657/25FDP in the names mentioned above is postponed to the 14th January, 2026, at 9.30 a.m.

Notification respondent: Riccardo Franco Schembri (568282M), Chez L'Amour, Triq il-Labour, Żejtun

Registry of the Superior Courts, today 7th January, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

95

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-13 ta' Ottubru, 2025, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 371/2025MS, fl-ismijiet: Angela sive Angiolina Zammit et vs Reġistratur tal-Artijiet et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Angela sive Angiolina Zammit (739234M) et vs Reġistratur tal-Artijiet et ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-14 ta' April, 2025, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-art immarkata bil-blu fuq il-pjanta annessa mar-rikors ma tiffurmax parti mill-proprjetà li kien xtara Vincent Vella bil-kuntratt tas-17 ta' Jannar, 1976, u li l-istess Vella kien biegħ u ttrasferixxa lil Joe Tonna Properties Limited permezz ta' kuntratt tad-9 ta' Jannar, 1987, okkorendo permezz ta' perit nominandi;

2. Tiddikjara li t-titolu ta' reġistrazzjoni assoluta bin-numru LR 55000371 ġie rreġistrat bi żball jew bi frodi a tenur tal-Artikolu 51 (1)(d) u (f) tal-Kap. 296 għal dak li jirrigwardja l-art immarkata bil-kulur blu fuq il-pjanta mmarkata Dok. A;

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 13th October, 2025, in the records of the Sworn application number 371/2025MS, in the names: Angela sive Angiolina Zammit et vs Land Registrar et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Angela sive Angiolina Zammit (739234M) et vs Land Registrar et filed in the Civil Court, First Hall, on the 14th April, 2025, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Declare that the land marked in blue on the plan annexed to the application does not form part of the property which Vincent Vella had purchased by means of the contract of the 17th January, 1976, and that the same Vella had sold and transferred Joe Tonna properties Limited by means of a contract of the 9th January, 1987, if necessary by means of a nominated architect;

2. Declare that the title of absolute registration with number LR 55000371 was registered by mistake or fraud in terms of Article 51 (1) (d) and (f) of Cap. 296 as regards the land marked with the colour blue on the plan marked Doc. A;

3. Tiddikjara li l-art immarkata bil-blu oġġett tat-titolu ta' reġistrazzjoni LR 55000371 hija proprjetà tal-atturi;

4. Tordna lir-reġistratur tal-artijiet jirratifika l-imsemmi Ċertifikat ta' Titolu Assolut billi l-art immarkata bil-kulur blu fuq l-annessa pjanta mmarkata Dok. A ma tibqax reġistrata fuq isem is-soċjetà konvenuta;

5. Sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għat-talbiet preċedenti numerati 2, 3 u 4, f'każ li dawn it-talbiet a jiġux milqugħa tiddikjara li l-atturi llum huma proprjetarji assoluti tal-imsemmija art minħabba preskrizzjoni akkwisittiva ta' tletin sena ad esklużjoni tas-soċjetà konvenuta u ta' terzi;

6. Tordna li r-Reġistrati tal-Artijiet jaffetwa l-korrezzjoni tar-Reġistru tal-Artijiet skont l-Artikolu 51 tal-liġijiet ta' Malta, minħabba r-raġunijiet su esposti u senjatament iżda bla preġudizzju għal ġeneralità ta' din it-talba ai termini tas-subincizi 1 (f) tal-Artikolu 51 fuq imsemmi;

7. Tagħti dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa għat-talbiet fuq elenkati;

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimat li minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni

Ir-Rikors Ġuramentat numru 371/2025MS fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-23 ta' Jannar, 2026, fid-9.00 a.m.

Notifika Intimat: Joe Tonna (Properties) Limited, 140, Valley Road, L-Imsida

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 14 ta' Jannar, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

3. Declare that the land marked in blue object of the registration title LR 55000371 is the property of the plaintiffs;

4. Order the land registrar to ratify the said Certificate of absolute title as the land marked with the colour blue on the attached plan marked Doc. A will no longer be registered on the name of the defendant company;

5. In the alternative and without prejudice to the previous demands numbered 2, 3 and 4, in case these demands are upheld declare that the plaintiffs today are the absolute owners of the said land due to an acquired prescription of thirty years to the exclusion of the defendant company and third parties;

6. Order that the land registry affects the correction of the land registry according to Article 51 of the Laws of Malta, due to the reasons above mentioned and especially but without prejudice to the generality of this demand in terms of subsection 1 (f) of Article 51 above mentioned;

7. Give such provisions as it deems fit for the demands above listed;

With all costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to his evidence be made

The Sworn application number 371/2025MS in the names mentioned above is postponed to the 23rd January, 2026, at 9.00 a.m.

Notification respondent: Joe Tonna (properties) Limited, 140, Valley Road, Msida

Registry of the Superior Courts, today 14th January, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

96

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-14 ta' Novembru, 2025, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 1024/2025FDP, fl-ismijiet: Gian Carl Bonnici vs Chantelle Buhagiar, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Gian Carl Bonnici (286291M) vs Chantelle Buhagiar (190788M) ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-25 ta' Settembru, 2025, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-intimata Chantelle Buhagiar arrikkixxiet ruħha indebitament u inġustament fil-konfront tar-rikorrenti Gian Carl Bonnici;

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 14th November, 2025, in the records of the Sworn application number 1024/2025FDP, in the names: Gian Carl Bonnici vs Chantelle Buhagiar, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Gian Carl Bonnici (286291M) vs Chantelle Buhagiar (190788M) filed in the Civil Court, First Hall, on the 25th September, 2025, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Declare that the respondent Chantelle Buhagiar wrongfully and unjustly discharged the applicant Gian Carl Bonnici;

2. Tiddikjara li b'konsegwenza tal-arrikkixximent indebitu u inġust tal-intimata Chantelle Buhagiar, ir-rikorrenti Gian Carl Bonnici sofra u/jew għadu jsofri tnaqqis patrimonjali;

3. Tikkundanna u tordna lill-intimata Chantelle Buhagiar tħallas sehemha minn kwalunkwe somma hekk imħallsa mill-konvenut rigwardanti l-fond 360, Turtle Dove, Triq Santa Domenica, Ħaż-Żabbar, bl-imgħax legali minn dik id-data li tiġi stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti;

4. Tillikwida s-somma li r-rikorrenti sofra bħala tnaqqis patrimonjali liema somma tkun tinkludi inter alia l-ispejjeż kollha li inkorra r-rikorrenti u li għalihom l-intimata Chantelle Buhagiar qatt m'għaddiet sehemha u kif ukoll tkun tirrifletti l-ħidma li wettaq ir-rikorrenti personalment fuq il-fond 360, Turtle Dove, Triq Santa Domenica, Ħaż-Żabbar;

5. Tikkundanna lill-intimata Chantelle Buhagiar tħallas dik is-somma hekk likwidata bl-imgħax legali minn dik id-data li tiġi stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimat li minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni

Ir-Rikors Ġuramentat numru 1024/2025FDP fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-22 ta' Jannar, 2026, fid-9.30 a.m.

Notifika Intimat: Chantelle Buhagiar (190788M), 34, Patrick Court, Triq il-Miklem Malti, Marsaskala

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 14 ta' Jannar, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

2. Declare that as a consequence of the unjust and unjust enrichment of the respondent Chantelle Buhagiar, the applicant Gian Carl Bonnici suffered and/or still suffers patrimonial reduction;

3. Condemn and order the respondent Chantelle Buhagiar to pay her share of any sum so paid by the defendant regarding the premises 360, turtle Dove, Triq Santa Domenica, Ħaż-Żabbar, with legal interest from that date to be established by this Honourable Court;

4. Liquidate the sum that the applicant suffered as a patrimonial deduction which sum would include inter alia all the expenses incurred by the applicant and for which the respondent Chantelle Buhagiar never passed her share and also reflect the work carried out by the applicant personally on the premises 360, Turtle Dove, Triq Santa Domenica, Ħaż-Żabbar;

5. Condemn the respondent Chantelle Buhagiar to pay that sum so liquidated with legal interest from that date which shall be established by this Honourable Court.

With all costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to his evidence be made

The Sworn application number 1024/2025FDP in the names mentioned above is postponed to the 22nd January, 2026, at 9.30 a.m.

Notification respondent: Chantelle Buhagiar (190788M), 34, Patrick Court, Triq il-Miklem Malti, Marsaskala

Registry of the Superior Courts, today 14th January, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

97

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali), fil-11 ta' Diċembru, 2025, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 371/2025AB, fl-ismijiet: Gugliemo Canè et vs l-Avukat tal-Istat et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Gugliemo Canè (16509L) et vs l-Avukat tal-Istat et ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) fit-3 ta' Ottubru, 2025, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li in vista tal-fatti su esposti u l-operazzjoni tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini (Kap. 69 tal-liġijiet ta' Malta) u l-Att X tal-2009, ingħata d-dritt ta' rilokazzjoni indefinita lill-inkwilin Emanuel Galea

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall (Constitutional Jurisdiction), on the 11th December, 2025, in the records of the Sworn application number 371/2025AB, in the names: Gugliemo Canè et vs the State Advocate et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Gugliemo Canè (16509L) et vs the State Advocate et filed in the Civil Court, First Hall (Constitutional Jurisdiction) on the 3rd October, 2025, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Declare and decide that in view of the above facts and the operation of the Building Lease renewal Ordinance (Cap. 69 of the Laws of Malta) and Act X of 2009, the right of indefinite relocation was granted to the lessee Emanuel

fil-fond 5, ġja 103, Triq l-Arkati, L-Isla, u dan bi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti inter alia fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u b'hekk għar-raġunijiet fuq esposti u dawk li se jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, ir-rikorrenti għandhom jingħataw ir-rimedji kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa fiċ-ċirkostanzi;

2. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-intimat Avukat tal-Istat huwa responsabbli għal kumpens u danni sija pekunjarji u sija nonpekunjarji oltre l-imgħax legali sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-operazzjonijiet tal-Art 3, 4, 6 u 9 tal-Kap. 69 u l-Att X tal-2009 tal-liġijiet ta' Malta talli ma nżammx bilanċ u proporzjon bejn id-drittijiet tas-sidien u dawk tal-inkwilin peress illi l-kera pagabbli a tenur tal-liġijiet viġenti ma tirriflettix is-suq u lanqas il-valur lokatizzju tal-proprjetà inkwistjoni wkoll ai termini tal-liġi;

3. Tillikwida l-istess kumpens u danni pekunjarji u nonpekunjarji kif sofferti mir-rikorrenti oltre l-imgħax legali ai termini tal-liġi, bl-opera occorrendo ta' perit nominandi;

4. Tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas l-istess kumpens u danni pekunjarji u nonpekunjarji likwidati ai termini tal-liġi, bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tar-rikors odjern sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali kollha kontra l-intimat li minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni

Ir-Rikors Ġuramentat numru 371/2025AB fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-22 ta' Jannar, 2026, fid-9.00 a.m.

Notifika Intimat: Emanuel Galea (558650M), 5, ġja 103, Flat 2, Triq l-Arkati, L-Isla

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 9 ta' Jannar, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Galea at premises 5, Gja 103, Triq l-Arkati, Senglea, and this in violation of the fundamental rights of the applicants as sanctioned inter alia in the First Article of the First Protocol of the European Convention and thus for the reasons above exposed and those which shall result during the pleadings of this application, the applicants are to be given all the remedies that this Honourable Court deems fit in the circumstances;

